DIRETTIVI

DIRETTIVA TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/13

tal-31 ta' Ottubru 2014

li temenda l-Anness III tad-Direttiva 2014/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-firxa tar-rata tal-fluss għall-arloġġi tal-ilma

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' strumenti tal-kejl ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(b) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2014/32/UE tistabbilixxi r-rekwiżiti li jridu jissodisfaw ċerti strumenti tal-kejl bl-għan li jitqiegħdu fis-suq u/jew jintużaw għal kompiti tal-kejl speċifiċi preskritti mill-Istati Membri.

(2) L-ewwel wieħed mir-rekwiżiti speċifiċi għall-arloġġi tal-ilma (ir-Rekwiżit 1) inkluż fl-Anness III tad-Direttiva 2014/32/UE jirreferi għall-kundizzjoni operattiva stipulata għall-firxa tar-rata tal-fluss $Q_3/Q_1 \geq 10$.

(3) Fil-31 ta' Ottubru 2011 daħal fis-seħħ aġġornament tal-istandard EN 14154 li inkluda l-firxa tar-rata tal-fluss $Q_3/Q_1 \geq 40$. L-istandard EN 14154 rivedut jirrifletti l-istandard internazzjonali. Huwa aktar esiġenti f'dak li jirrigwarda l-firxa tar-rata tal-fluss meta mqabbel mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness III tad- Direttiva 2014/32/UE u jirriżulta f'kejl aktar preċiż.

(4) Qabel l-introduzzjoni tal-firxa tar-rata tal-fluss $Q_3/Q_1 \geq 10$ permezz tad-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) dwar l-istrumenti tal-kejl, l-istandard OIML internazzjonali li diġà kien jinkludi rekwiżit għall-firxa tar-rata tal-fluss ta' $Q_3/Q_1 \geq 40$, ġie applikat fl-Istati Membri kollha. B'riżultat tad-dispożizzjonijiet tranżitorji previsti fl-Artikolu 50(2) tad-Direttiva 2014/32/UE, il-biċċa l-kbira tal-arloġġi tal-ilma li bħalissa huma mqiegħda fis-suq diġà jikkonformaw mar-rekwiżit ta' $Q_3/Q_1 \geq 40$.

(5) L-arloġġi tal-ilma bil-firxa tar-rata tal-fluss $Q_3/Q_1 \geq 10$ jistgħu jkunu ferm orħos minn dawk li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istandard EN 14154 ($Q_3/Q_1 \geq 40$). Il-punt 10 tal-Anness III tad-Direttiva 2014/32/UE jagħti setgħa diskrezzjonali lill-utilità jew lill-persuna nnominata legalment biex tinstalla l-arloġġ tal-ilma biex tiddetermina, *inter alia*, liema livell ta' firxa tar-rata tal-fluss ikun xieraq għall-kejl eżatt tal-konsum li hu previst jew li jista' jiġi previst ([3]). Għaldaqstant, l-arloġġi tal-ilma li ma jikkonformawx mal-istandard EN 14154 għall-firxa tar-rata tal-fluss iżda jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2014/32/UE, jistgħu jiġu installati. Madankollu, dan jista' jżid il-possibbiltà ta' żbalji fil-kontijiet tal-klijenti, li jirriżultaw minn kejl inqas preċiż tal-arloġġ.

(6) Il-firxa tar-rata tal-fluss ta' $Q_3/Q_1 \geq 40$ tirrappreżenta l-aktar livell avvanzat inkorporat fl-istandard u fil-prattika attwali tal-manifattura internazzjonali, kif ukoll il-kwalità minima disponibbli bħalissa fis-suq tal-Unjoni. Din tipprevedi kejl aktar preċiż u b'hekk tiżgura livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Billi l-firxa tar-rata tal-fluss ta' $Q_3/Q_1 \geq 40$ għal ħafna snin kienet u għadha l-livell minimu installat mis-suq, il-konformità ma tinvolvix spejjeż addizzjonali għall-utenti.

(7) Id-Direttiva 2014/32/UE għandha tiġi emendata skont dan,

([1]) ĠU L 96, 29.3.2014, p. 149.
([2]) tad-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl (ĠU L 135, 30.4.2004, p. 1).
([3]) Ara l-punt 10 tal-Anness III tad-Direttiva 2014/32/UE.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Anness III tad-Direttiva 2014/32/UE, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-firxa tar-rata tal-fluss tal-ilma.

Il-valuri għall-firxa tar-rata tal-fluss għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

$Q_3/Q_1 \geq 40$

$Q_2/Q_1 = 1,6$

$Q_4/Q_3 = 1,25$".

Artikolu 2

1. Sa mhux aktar tard mid-19 ta' April 2016, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-20 ta' April 2016.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO